# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-18 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 747/2017**

**Three Sixty Limited**
**(Reg. Nru. C – 30372)**

**vs.**

**Andre Bugeja**
**(K.I. Nru. 392598 M)**

**u**

**Zach Latif**
**(K.I. Nru. 368097 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-11 t'Awwissu, 2017, li permezz tieghu *tramite* r-rapprezentant taghha, s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fil-15 ta' Novembru, 2015, sehh incident fl-istabbiliment minnha gestit, li fih korrew numru ta' persuni;

1.2. Illi irrizulta li kwantita` ta' nies li kienu fl-istabbiliment fuq riferit ippruvaw johorgu f'daqqa;

1.3. Illi konsegwenza tal-istess il-poggaman tat-tarag tal-istess stabbiliment ceda;

1.4. Illi r-rassa u l-kommozzjoni li kien hemm kienet ikkagunata mill-intimati jew min minnhom, meta fuq gewwa tal-istess stabbiliment uzaw "*pepper spray*" li holoq paniku fin-nies li kienu fuq gewwa;

1.5. Illi fil-konfuzjoni li inholqot minhabba fl-uzu ta' dan il-gass, meta dawn in-nies gew biex jevakwaw l-istess stabbiliment hafna minnhom gew midruba;

1.6. Illi l-imsemmi incident sehh minhabba l-ghemil traskurat u inkonsult tal-intimati, jew minn minnhom;

1.7. Illi l-istess ghemil tal-intimati, jew min minnhom holoq paniku fin-nies li kienu fl-istabbiliment *de quo* u wassal ghall-incident in dizamina;

1.8. Illi rizultat tal-istess, is-socjeta` rikorrenti giet esposta ghal diversi pretensjonijiet ta' rizarciment ta' danni, (ara foll 7 u 9);

1.9. Illi ghalkemm debitament interpellati biex jersqu ghall-assunzjoni ta' htija ghall-akkadut u ghall-eventwali kwantifikazzjoni u hlas tad-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti, l-intimati baqghu inadempjenti, (ara foll 12);

1.10. Illi konsegwentement, is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex din il-qorti:

1.10.1. Tirrimedja ghall-pregudizzju soffert mis-socjeta` rikorrenti;

1.10.2. Tirrimedja wkoll ghall-pregudizzju li l-istess socjeta` ghad trid issofri;

1.11. Illi ghalhekk titlob lil din il-qorti:

1.11.1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, huma risponsabbli ghall-incident in dizamina li fih sfaw korruti diversi persuni, u li allura l-istess intimati, jew min minnhom huma passabbli ghad-danni;

1.11.2. Tiddkjara, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*, li s-socjeta` rikorrenti giet esposta ghad-danni minhabba l-agir tal-intimati jew min minnhom;

1.11.3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti flimkien ma dawk li ghad trid issofri, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*;

1.11.4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, biex ihallsu l-ammonti hekk likwidati;

1.11.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghax legali kontra l-intimati jew min minnhom;

2. Rat id-digriet taghha datat l-24 t'Awwissu, 2017, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh fl-udjenza hemm indikata, (ara foll 14);

3. Rat id-digriet taghha datat l-14 ta' Novembru, 2017, fejn wara li rat li l-intimati kienu debitament notifikati bir-rikors promotur u bl-avviz ghas-smigh, (ara foll 16 u 20), l-intimati baqghu m'intavolaw l-ebda risposta ghall-istess u ghalhekk kienu jinstabu fi stat ta' kontumacja, (ara foll 21);

4. Rat in-nota datata l-5 ta' Marzu, 2018, li permezz taghha, s-socjeta` rikorrenti irrinunzjat ghat-tielet (3) u r-raba' (4) talba, (ara foll 67, 68 u 3 rispettivament);

5. Rat id-digriet taghha datat id-9 ta' Mejju, 2018, li permezz tieghu awtorizzat lill-intimati kontumaci biex jaghmlu sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendu ruhhom ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 100), u fuq talba appozita, awtorizzat ukoll lill-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti biex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fit-terminu hemm indikat, (ara foll 100);

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata d-9 ta' Lulju, 2018, (ara foll 101);

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati, d-diska elettronika u r-ritratti prodotti;

Ikkunsidrat:

9. Illi jigi immedjatment rilevat li s-socjeta` rikorrenti irtirat it-tielet (3) u r-raba (4) talba minnha intavolata fir-rikors guramentat promotur, (ara foll 67 u 68),

10. Illi konsegwentement, il-procedura odjerna hi limitata ghal dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghall-akkadut u mhux aktar fuq dikjarazzjoni u likwidazzjoni ta' danni li setghu gew sofferti;

11. Illi di piu` jigi sottolineat li l-intimati baqghu fi stat ta' kontumacja, u *nonostante* li inghataw il-possibilita` li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom skont il-ligi, dawn xorta ghazlu li ma jaghmlu l-ebda intervent;

12. Illi ovvjament, tali ghazla mhix ekwivalenti ghal ammissjoni daparti tal-intimati ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, *stante* li l-kontumacja mhix ekwivalenti ghall-ammissjoni, u konsegwentement, is-socjeta` rikorrenti, xorta wahda tibqa' obbligata li tipprova l-kaz taghha daqs li kieku l-intimati kkontestaw it-talbiet in dizamina;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi ghalhekk, stabbilit is-suespost, il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

13.1. Illi ghall-habta ta' nofs il-lejl u tas-siegha ta' filghodu tal-15 ta' Novembru, 2015, (ara foll 63 u 65) sehh incident fl-istabbiliment tad-divertiment gestit mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 1), fejn sfaw korruti diversi persuni;

13.2. Illi jirrizulta li f'mument ta' paniku kollettiv, numru kbir ta' persuni li kienu fl-istabbiliment in kwistjoni ippruvaw johorgu kollha f'daqqa mill-istess, bil-konsegwenza li l-poggaman tat-tarag li jaghti ghall-imsemmi stabbilment ceda f'daqqa minhabba l-pressjoni kbira u istantanea li saret fuqu minn dawk li kienu qed jippatrocinaw l-istess post;

13.3. Illi meta inqasam il-poggaman tat-tarag in dizamina dawk li kienu fit-tarf tal-istess waqghu mit-tarag ghal isfel, (ara d-diska elettronika *in atti* a foll 72), b'dawk immedjatament warajhom jaqghu ghal fuqhom ukoll;

13.4. Illi s-socjeta` intimata ssosstni li r-rassa u l-paniku riskontrat kienu ikkagunati minhabba l-fatt li l-intimati jew min minnhom uzaw il-*pepper spray* bil-konsegwenza li inholoq paniku li eventwalment wassal ghall-incident in dizamina, (ara foll 50 u 103);

13.5. Illi rizultat tal-istess uhud minn dawk li korrew fl-incident *de quo* qed izommu lis-socjeta` rikorrenti responsabbli tal-akkadut, (ara foll 7 u 9);

13.6. Illi min-naha taghha s-socjeta` rikorrenti qed izzomm lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghall-istess;

13.7. Illi ghalkemm is-socjeta` rikorrenti debitament interpellat lill-intimati jew min minnhom biex jassumu responsabbilita` ghall-akkadut u biex jaghmlu tajjeb

ghad-danni minnhom ikkagunati, dawn baqghu inadempjenti, (ara foll 12);

13.8. Illi l-intimat Bugeja jsosstni li meta kien n-naha tad-"D.J." (ara foll 27), kien involut fi glieda ma barrani, (ara foll 28 u 54), hareg mill-imsemmi stabbiliment, (ara foll 29), u mar inghaqad ma shabu fi stabbiliment iehor, (ara foll 29);

13.9. Illi meta l-intimat Bugeja hareg mill-istabbiliment wara l-glieda li kien involut fiha jirrizulta li hareg b'mod normali *stante* li dak il-hin kien hemm ftit nies fit-tarag fejn sehhet il-kommozzjoni in dizamina, (ara foll 36);

13.10. Illi ghalhekk, sakemm l-intimat Bugeja hareg mill-imsemmi stabbiliment, kienet ghad tirrenja l-kalma;

13.11. Illi l-intimat Latif xehed li fuqu kellu l-"*pepper spray*", (ara foll 50);

13.12. Illi l-istess intimat Latif isosstni li kien hdejn siehbu l-intimat l-iehor Bugeja meta dan kien hdejn xi hadd li kellu xi jghid mieghu, u li min-naha tieghu l-istess Latif indika li dan it-terz li kien ser jisparalu l-"*Pepper spray*" jekk imiss lil siehbu Bugeja, (ara foll 48);

13.13. Illi meta fil-kommozzjoni li inqalghet dan it-terz qaqgha fuq l-imsemmi Latif, dan tal-ahhar spara l-"*pepper spray*" ghal fuq l-istess terz (ara foll 50), liema "*pepper spray*" geghlu jisghol, (ara foll 54);

13.14. Illi rizultat tal-fatt li ghafas u uza l-istess "*pepper spray*":

> "... bdejt nara hafna nies jigri u jmorru 'l hemm u 'l hawn, u x'hin rajthom qed jigru jien mort nigri maghhom 'l barra ...", (ara foll 50);

13.15. Illi sa meta hareg l-intimat Latif mill-istabbiliment *de quo*:

> "... kien ghadu kollox ok", (ara foll 51);

13.16. Illi l-intimat Bugeja jirrizulta li kien jaf li siehbu l-intimat Latif kellu l-“*pepper spray*” fuqu, (ara foll 38 u 39);

13.17. Illi effettivament, l-istess intimat Bugeja kien identifika lill-intimat Latif bil-“*pepper spray*” f’idejh mill-filmat lilu muri fil-kwartieri Generali tal-Pulizija, (ara foll 33);

13.18. Illi l-esodu konfuz li irrizulta kien rizultat tal-“*pepper spray*” uzat mill-intimat Latif fl-istabbiliment ippakkjat bin-nies li kienu qed jippatrocinawh, li skatena lill-istess patrocinanti biex johorgu mill-istabbiliment in kwistjoni malajr kemm jista’ jkun, (ara foll 45);

Ikkunsidrat:

14. Illi l-ligi tezigi li kull persuna twiegeb ghall-hsara li ssehh bi htija taghha, (artiklu 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, minn issa ’l quddiem Kap 16);

15. Illi *di piu`* wiehed jitqies hekk meta f’ghemilu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja, (ara artiklu 1032(2) tal-Kap 16);

16. Illi konsegwenza tas-suespost, kull persuna li ghaliex trid, jew ghaliex naqset li tuza dik il-prudenza jew diligenza indikata fil-paragrafu precedenti, taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li biha tikser dmir fuqha impost mil-ligi, tkun obbligata thallas ghall-hsara li tigi hekk ikkagunata – ukoll jekk dan ikun sehh minghajr il-hsieb li tigi ikkagunata hsara lil haddiehor, (ara artikolu 1033 tal-Kap 16);

Ikkunsidrat:

17. Illi fis-sentenza tal-**Prim’Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Charles Gauci *et* vs. Maria Borg Mizzi *et nomine***, datata l-**25 ta’ Novembru, 2004**, irriteniet fir-rigward is-segwenti:

> “Illi fil-kaz fejn persuna tallega li tkun garrbet hsara minhabba l-ghemil jew l-omissjoni tal-parti l-ohra, jehtieg li min jallega li garrab dannu ... jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilita` ta’ dak l-ghemil jew ta’ dik l-omissjoni

> ... kif ukoll li d-danni mgarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni";

Ikkunsidrat:

18.0. Illi in vista tal-istess jigi issa ezaminat jekk id-danni li minnhom tilmenta s-socjeta` rikorrenti effettivament kienux:

18.1. Rizultat tal-glieda kondotta mill-intimat Bugeja; u jew

18.2. Rizultat tal-uzu tal-"*pepper spray*" mill-intimat Latif; jew ukoll

18.3. Jekk kienx rizultat ta' xi fatturi ohra – bhal iffullar izzejjed fl-istabbiliment *de quo*;

Ikkunsidrat:

19.0. Illi mill-elenku tar-rizultanzi kif fuq sintetikament deskritt jirrizulta sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi fl-istabbiliment in dizamina kien hemm glieda bejn terz injot u l-intimat Bugeja, li fiha intervjena l-intimat Latif meta uza l-"*pepper spray*" kif stabbilit;

19.2. Illi l-intimat Bugeja ta' daqqa ta' ponn lit-terz injot u bdiet glieda bejniethom;

19.3. Illi sussegwentement l-istess intimat Bugeja allontana ruhhu mill-istess stabbiliment, hareg barra u mar fi stabbiliment iehor;

19.4. Illi sa dak il-mument meta l-imsemmi intimat Bugeja hareg mill-istabbiliment in dizamina, ma jirrizultax li kien hemm il-kommozzjoni u l-paniku li sehh aktar tard;

19.5. Illi in effetti meta l-istess intimat Bugeja gie biex johrog mill-istabbiliment fejn sehhet l-imsemmija glieda, dan hareg facilment;

19.6. Illi sadanittant, il-habib tal-intimat Bugeja, senjatament l-intimat Latif, baqa` fl-istess stabbiliment wara li siehbu Bugeja kien diga hareg;

19.7. Illi kien dan l-intimat Latif li uza l-"*pepper spray*" fl-istess stabbiliment, li rizultat tal-istess beda jisghol;

Ikkunsidrat:

20. Illi jirrizulta pacifiku li l-"*pepper spray*" hi sustanza nociva, tahraq u irritanti;

21. Illi skont l-intimat Bugeja l-uzu tal-istess f'post cirkoskritt u mimli nies, qajjem paniku shih fl-istabbiliment *de quo*, li gieghel lill-persuni li kienu qed jippatrocinaw l-imsemmi stabbiliment johorgu lkoll f'daqqa wahda mill-istess fond u li kien il-kawza prossima u diretta tad-danni kollha riskontrati u li minnhom qed tilmenta s-socjeta` rikorrenti, (ara foll 45);

Ikkunsidrat:

22. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li kien l-uzu tal-"*pepper spray*" – mhux il-glieda – li kkagunat il-paniku li wassal ghall-ezodu f'daqqa riskontrat li konsegwenza tieghu infaqa' il-poggaman tal-hgieg sitwat fit-tarag estern tal-istess stabbiliment, u li minhabba fih kien hemm kwantita` inordinata ta' korrimenti;

23. Illi fis-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Vincent Schiavone *et* vs. Michael Psaila *et***, datata d-**29 ta' Mejju, 2014**, gie ritenut is-segwenti f'dan ir-rigward:

"Ghas-success ta' azzjoni bhal dik *de quo*, hemm il-htiega li r-rikorrenti konkretament jistabblixxu u jipprovaw, fil-grad rikjest mill-ligi f'kawzi simili, tlett (3) ingredjenti fundamentali b'mod kumulattiv ossija:

"i. Fl-ewwel lok, li kien hemm kondotta kolpuza tal-intimati li tirradika l-htija *ai termini* tad-disposizzjonijiet pertinent tal-Kodici Civili;

“ii. Fit-tieni lok, li jaghtu prova tal-hsara minnhom subita u tali prova ghandha tkun materjali u konkreta; u

“iii. Fit-tielet u l-ahhar lok, li jirnexxielhom jorbtu l-ewwel (1) punt mat-tieni (2) wiehed *tramite* ness ezjologiku ta’ kawzalita`, li jfisser li kienet il-kondotta kwazi-delittwuza tal-konvenuti li direttament kkagunat is-sinistru, (hsarat lamentati)”;

Ikkunsidrat:

24. Illi mill-ezami tar-rizultanzi kif fuq sintetikament elenkati jirrizulta abbundantement assodat li d-danni kollha subiti fil-kaz in dizamina huma konsegwenza diretta tal-uzu tal-“*pepper spray*” daparti tal-intimat Latif *stante* li jirrizulta ness ta’ kawza u effett bejn l-uzu tal-imsemmi “*spray*” u l-ezodu konfuz li irrizulta;

25. Illi jigi sottolineat li dan in-ness ta’ kawza u effett ma jirrizultax li kien jezisti bejn il-glieda tal-intimat Bugeja ma terz injot u d-danni sussegwenti riskontrati;

26. Illi konsegwenza tal-istess l-azzjoni odjerna ma tistax tkun ta’ success fil-konfront tal-intimat Bugeja *stante* li l-element tal-kawzalita` rikjest ma jirrizultax debitament ipprovat;

27. Illi ghalhekk, l-azzjoni odjerna tista’ biss tigi konsolidata fil-konfront tal-intimat Latif *stante* li jirrizulta debitament assodat kif fuq stabbilit, li l-element ta’ kawzalita` jirrizulta debitament ipprovat fil-konfront tal-imsemmi intimat Latif;

Ikkunsidrat:

28. Illi ghall-fini ta’ kompletezza jigi sottolineat li lil din il-qorti ma jirrizultaliex dak allegat mill-intimat Bugeja li l-istabbiliment in dizamina kien ippakkjat bin-nies *stante* li f’dan ir-rigward ma tirrizulta l-ebda prova fl-atti processwali, ghalkemm mis-*CD* u mir-ritratti pprezentati jirrizulta li kien hemm diversi nies jippatrocinaw l-imsemmi stabbilment fil-hin tal-incident;

29. Illi fin-nuqqas ta' prova pozittiva f'dan ir-rigward, allura, ma jistax jinghad li dan seta' ikkontribwixxa ghall-incident in dizamina;

Ikkunsidrat:

30.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li filwaqt li s-socjeta` rikorrenti naqset li tipprova t-talbiet taghha fil-konfront tal-intimat Bugeja, pero` hi sodisfatta li ipprovat l-istess talbiet fil-konfront tal-intimat Latif, u konsegwentement:

**DECIDE:**

30.1. Tirrespingi t-talbiet kollha rimanenti tas-socjeta` rikorrenti dedotti kontra l-intimat Andre` Bugeja;

30.2. Tiddikjara li l-intimat Zach Latif hu risponsabbli ghall-incident in dizamina li fih sfaw korruti diversi persuni u li allura hu passabbli ghad-danni;

30.3. Tillibera lill-intimat Andre Bugeja mill-osservanza tal-gudizzju;

30.4. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti giet esposta ghad-danni minhabba l-agir tal-intimat Zach Latif;

30.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess intimat Zach Latif.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**